IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-27 ta' April 2026

Rikors numru: BCT/01/2026 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Stefan Vella

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell tal-appellant preżentat permezz ta' email fejn huwa talab sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar il-15 ta' Diċembru 2025, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' ħames mitt ewro (€500) tiġi revokata. Fl-appell tiegħu l-appellant jgħid:

> *Good afternoon,*
>
> *I would like to formally appeal against the fine issued, as there was a sequence of events and circumstances which, in my view, justify this appeal. The Local Council issues permits for full road closures between 09:30 and 17:00. However, the same permit conditions also require that the road be reopened between 12:30 and 14:30 to allow for school transport.*

In view of these requirements, I deliberately chose not to carry out casting works during the morning hours. Casting is a continuous and sensitive operation, and in the event of any delay or unforeseen issue, it would not have been possible to safely dismantle the setup and reopen the road within the required timeframe.
For this reason, works commenced after school hours, and importantly without closing the road. Unfortunately, despite these precautions, the very situation I aimed to avoid occurred: a truck involved in the works suffered an unexpected breakdown, as shown in the attached photograph. This incident was unforeseen and beyond my control.

I sincerely apologise for any inconvenience caused to the neighbouring residents. I would like to assure you that every effort is being made to prevent a recurrence of such situations. In fact, for the remaining two casting operations, I have already contacted the school to identify any weekday holidays so that the works can be scheduled accordingly and carried out without affecting traffic or school transport.

All decisions were taken in good faith, with the intention of complying with permit conditions, minimising disruption, and prioritising public safety—particularly that of children and school transport.

In light of the above, I respectfully request that the fine be reconsidered and withdrawn.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qed jkunu anness affidavit tal-uffiċjal tal-Awtorita, mmarkat bġala Dok BCA1 in sosten tal-penali imposta;*

3. *Illi skont dak preżentat huwa ċar li kien hemm ksur tar-regolamenti;*

4. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-appell odjern ġie differit għas-sentenza għal-llum.

Ikkunsidra:

L-appell odjern jitratta avviż maħruġ mill-Awtorita' appellata li permezz tiegħu imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) in vista' li seħħew xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi.

Il-Partijiet straħu fuq il-provi u d-dokumenti preżentati mar-rikors u r-risposta rispettiva tagħhom. Jirriżulta ċar li l-partijiet qed jaqblu dwar il-fatti u ma jirriżultax li l-appellant qed jikkontesta l-fatti kif preżentati mill-Awtorita' intimata fejn l-appellant kien qed iwettaq xogħlijiet konsistenti minn xogħlijiet ta' konkrit f'ħinijiet tard bil-lejl. L-Awtorita' intimata preżentat numru ta' ritratti bħala prova ta' dan.

L-appellant ma jiċħadx li dan kien qed iseħħ iżda jgħid li dan seħħ minħabba raġunijiet li ma kienux fil-kontroll tiegħu. Hu jisħaq li x-xogħol ta' tqegħid ta' konkrit meħtieġ li jseħħ f' vena waħda u mhux stadju ta' xogħol li jista' jinqasam fuq numru ta' ġranet. Hu jgħid ukoll li waqt ix-xogħlijiet kien hemm ħsarat fuq apparat kruċjali għal dan ix-xogħol b'konsegwenza li x-xogħol skedat sofra dewmien u b'hekk ħa aktar ħin minn kemm pjanat.

It-Tribunal ma tantx għandu għalfejn jiddelibera wisq sabiex jasal għall-konklużjoni li l-appellant kiser id-disposizzjonijiet tat-Tielet Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 u dan peress li baqa' sejjer b'xogħlijiet li jaqbżu l-ħinijiet permessibli bil-liġi. It-Tribunal ħa in

konsiderazzjoni ir-raġunijiet mogħtija mill-appellant għal dan id-dewmien qies li l-komportament tal-appellant f'dawn il-proċeduri kien eżemplari f' li ma jippruvax jisgwida lil dan it-Tribunal u minflok preżenta r-raġunijiet li wasslu sabiex seħħ dan id-dewmien. B'hekk l-Awtorita' kienet korretta f' li timponi penali amministrattiva fil-minimu possibli u t-Tribunal m'għandux lok li jmur taħt dak li tipprovdi l-liġi.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċad l-appell u qiegħed jikkonferma id -deċiżjoni tal-Awtorita' appellata ta' nhar il-15 ta' Diċembru, 2025.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru